## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. KEITH TESTA (KI. 901L)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27/02/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni/jiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat/a:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **KEITH TESTA (901L)** Vettura: **MINI MOTO MOTOR CYCLE**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar l-4/11/2017 ghal habta ta` 16:00hrs**

Post: **SANT` ANNA TRIQ** Lokalita': **FLORIANA**

**(1) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(4) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(5) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(6) Soqt jew kont passiggier fuq motorcycle jeq quadbike minghajr ma kont liebes crash helmet** ( L.S. 65.11 Artiklu 123 (2) )

**(7) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3(1), 4(4) )

**(8) Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-puluzija jew min ufficjal iehor ta` awtorita ohra waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu.** ( Kap 9 Artiklu 338 (EE) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 0322 Rosario Azzopardi (*affidavit)*, l-Ispettur Jeffrey Scicluna u Karen Cremona għal Transport Malta,

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li fis-seduta tal-lum 27 ta' Frar 2024 l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti tatu ċans jirrikunsidraha,

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-liġi ossia l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-Art. 123(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-Art. 3(1) u 4(4) tal-Kap. 104 u l-Art. 37(2) u 338(EE) tal-Kap. 9, issibu ħati fuq ammissjonj tiegħu stess tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u wara li ħadet kunsiderazzjoni tal-fatt illi l-imputat kien għadu minorenni fid-data tar-reati (iżda kien għalaq sittax-il sena) qegħda bl-applikazzjoni ta' tnaqqis ta' grad fil-piena, tikkundannah iħallas ammenda komplessiva fl-ammont ta' mija u ħamsin euro (€ 150) liema multa tista' titħallas ratealment f'disgħa pagamenti mensili u ugwali. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlettax-il xahar.**

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**